

Brussell, 23 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14278/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0063(COD)

CODEC 2001
RC 31
JUSTCIV 277
IA 374

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw is-setgħa biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fil-23 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija fis-suġġett¹, ibbażata fuq l-Artikoli 103 u 114(6) tat-TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2017².
3. Fl-14 ta' Novembru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 7621/17.

² ĠU C 345, 13.10.2017, p. 70.

³ 14039/18.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u li jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif imniżżla fid-dokument PE-CONS 42/18, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
- jordna li fil-minuti ta' din il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota;
- jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-att legiſlattiv.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
